MALTA

# QORTI KRIMINALI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Numru 4/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mansour Muftah Nagem**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 4 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mansour Muftah Nagem, li bih huwa gie akkuzat talli f'Novembru 2000, assocja ruhu ma persuni ohra f'Malta u ma persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

Talli fl-istess zmien importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet

tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u dan skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Talli fl-istess zmien sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina, b'dana li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu bit-talba li oltre l-piena, l-akkuzat jigi dikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-Art. 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi fin-nota tieghu tat-13 ta' Mejju 2002, l-akkuzat ammetta l-akkuzi kollha indikati u dedotti kontra tieghu fit-tlett kapi tal-Att tal-Akkuza.

Rat illi fis-seduta tal-lum l-akkuzat ghad-domanda kienx hati jew mhux hati tal-Kapi taht l-Att tal-Akkuza, wiegeb li kien hati.

Rat li wara li din il-Qorti tat lill-akkuzat zmien biex jerga jahsibha, u wara li wissietu bil-konsegwenzi li jista' jkollha tali ammissjoni ta' htija, l-akkuzat rega' wiegeb ghall-mistoqsija billi rega' tenna li hu hati tal-kapi kollha tal-Att tal-Akkuza.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha fit-28 t'Ottubru iddikjara ai termini u ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 li l-akkuzat ghen lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li kienu pprovdulu il-medicini perikoluzi u li allura hemm lok li l-piena titnaqqas bi grad jew tnejn, igifieri b'mod li l-piena massima fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 492 (i) fl-eventwalita ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat abbinat mall-Art. 31 tal-Kodici Kriminali, issa tigi taqra mhux inqas minn disgha (9) snin prigunerija mentri l-piena massima tkun ta' mhux izjed minn ghoxrin sena prigunerija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li b'referenza ghan-nota taghha tat-28 t'Ottubru

2002, in-numru “disgha (9) snin” ghandu jaqra “seba (7) snin” kif preskritt fl-Artikolu 31 (i) (b) (ii) tal-Kap 9.

Rat ukoll il-verbal l-iehor tas-seduta tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni rrilevat li ghall-fini ta’ piena, l-Ewwel Kap ta’ assocjazzjoni u t-Tielet Kap ta’ pussess ghandhom jigu assorbiti fit-Tieni Kap u cioe’ dak ta’ importazzjoni tad-droga billi servew bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess ir-reat imsemmi fit-Tieni Kap.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina, Angelina Frendo u tal-istess akkuzat dwar il-piena.

Rat il-verbal fejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li allura il-minimu assolut tal-piena f’dan il-kaz ikun ta’ seba snin prigunerija.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w d-difiza dwar il-piena, u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha maghmula.

Tiddikjara lill-akkuzat hati skond it-Tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza u cioe’ talli f-Novembru 2000;

1) assocja ruhu ma persuna ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-dispozzizjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap 101) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2) talli importa, gieghel li tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, u
3) talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi, (1939) (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni

mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (1939) (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/39) jew b'awtorita'moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u dan skond it-Tielet Kap .

Dwar il piena, qieset favur l-akkuzat il-kondotta netta tieghu,  il-fatt li hu kkolabora bis-shih mall-Pulizija w anki zvela l-isem ta' persuna ohra li kienet involuta fir-reat, u ddikjara quddiem din il-Qorti li hu lest li jixhed kontra taghha, kif ukoll li hu ammetta l-htija tieghu "at the earliest possible opportunity" u cioe' malli gie notifikat bl-att tal-akkuza, kif ukoll il-pentiment tieghu ghal dak li ghamel, u l-iskorta tas-sentenzi ta' din il-Qorti f'kazijiet simili, jekk mhux identici, citati mill-abbli difensur, kif ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Art. 29 tal-Kap. 101 u tal-Artikolu 492 tal-Kap 9 li jnaqqsu il-piena sa tlett gradi minn dik li l-akkuzat altrimenti kien ikollu jiffaccja, kieku dawn l-artikoli ma gewx applikati ghalih anki fuq l-inizjattiva lejali tal-abbli Prosekutur, u l-assorbiment ghall-fini tal-piena.

Qisiet ukoll l-allegazzjoni li ghamel l-akkuzat illum bil-gurament li hu kien dipendenti fuq id-droga meta ghamel u kkommetta r-reati li taghhom instab hati, liema allegazzjoni pero' saret biss ghall-ewwel darba f'dan l-istadju u mhux qabel.

Qisiet kontra l-akkuzat il-kwantita' kbira w sostanzjali tad-droga li hu kien qed igorr fuqu meta nqabad mill-Pulizija fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta, madwar 879 gramma ta' heroina li l-purita' taghha kienet ta' 68%, bid-dannu kollu li din setghet iggib ghas-socjeta' Maltija li kieku ma nqabditx hekk kif l-akkuzat importha f'Malta, kif ukoll il-htiega li l-

piena sservi wkoll ta’ detriment ghall-haddiehor li jista’ jkun involut f’attivita’ simili, kif invoka l-abbli Prosekutur.

Qisiet l-insenjament ta’ dawn il-Qrati, ta’ Qrati barranin meta jkun hemm ammissjoni bikrija u ezaminat is-sentenzi li ghamlet riferenza ghalihom id-difiza f'dan ir-rigward u wara li qieset dan kollu w wara li rat l-Artikoli 9, 10, 10(1), 12, 14, 14(1)(5), 15, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2); 2(a)(i)(ii), (3A) (c)(d),(2)(b)(i), 22(f), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi - (GN 292/39),  l-Art. 17, 20, 23, 31, 492 (1) u 533 tal-Kap. 9 u l-Art. 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-hati Mansour Muftah Nagem ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ghaxar (10) snin, b'dan li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz u ghall-multa komplessiva ta' sbatax il-elf lira Maltin (LM17,000) liema multa tkun konvertibbli f'perjodu ta' prigunerija skond il-ligi jekk ma tithallasx.

Tikkundannah ukoll ihallas l-ammont ta' mija u tlieta u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (LM193.50c) import tat-total tal-ispejjes tal-perizji inkorsi f'dan il-process;

U inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-hati.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati mall-abbuz tad-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizzjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirraporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret ;

U fl-ahhar nett tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer, meta u wara li jiskonta l-piena u jkun hallas kull ammont dovut skond

dis-sentenza, a tenur tal-Artioklu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Aldo Testone
Assistent Registratur

31.10.2002